# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 12 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Numru: 855/2009/JPG**

**Clifford Cauchi I.D. 144275 (M)**
**u martu Maria Cauchi Delia I.D. 375086 (M)**

**VS**

**Invest BG Limited C 38756 u Claude**
**Grima I.D. 209574 (M), Paul Pisani**
**I.D. 29756 (M), Emmanuel Ellul**
**801760 (M), Roger Cali I.D. 402567 (M)**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat tar-rikorrenti Clifford Cauchi u Maria Cauchi Delia, datat 28 ta' Ottubru 2009, li jaqra hekk:

*1. Illi r-rikorrenti gew mhajjra mill-intimati sabiex jinvestu is-somma ta' tletin elf, disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60) [gia hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000)] mas-socjeta intimata u dan skond Management and Agency Contract datat 1 ta' Novembru 2006 redatt mis-socjeta intimata stess u iffirmat ghan-nom taghha mill-intimati Claude Grima u Roger Cali (kopja annessa u immarkata "Dok. A");*

*2. Illi permezz tal-ftehim imsemmi s-socjeta intimata obbligat ruhha illi thaddem il-flus fdati lilha mir-rikorrenti billi tinvestihom inter alia f'socjetajiet mwaqfa minnha fil-Bulgarija illi jinvestu fi proprjeta' immobiljari u b'mod partikolari tramite investiment f'ishma tas-socjeta estera Manastiry Property Ltd (vide "Dok. A", art. 1 u Schedule 1);*

*3. Illi ghalkemm jidher prima facie illi xi flus fdati mir-rikorrenti f'idejn is-socjeta intimata gew investiti f'ishma fis-socjeta estera Manastiry Property Ltd skond traduzzjoni ta' l-istatut ta' l-istess socjeta estera (li kopja tieghu jinsab hawn anness u mmarkat "Dok. B") minn informazzjoni miksuba mir-rikorrenti minn uhud mill-intimati stess, inkluz minn email mibghuta lilhom mill-intimati Paul Pisani f'April 2008 (kopja anessa u immarkata "Dok. C"), jidher illi l-intimati ma investewx il-flus kollha fdati lilhom mir-rikorrenti f'ishma tas-socjeta estera Manastiry Property Ltd skond il-ftehim imsemmi izda parti minn l-investiment tar-rikorrenti gie utilizzat diversament bi ksur tal-mandat moghti lis-socjeta intimata u ta' l-obbligazzjonijiet fiducjarji ta' l-intimati;*

*4. Illi sal-gurnata ta' llum ir-rikorrenti ghadhom qatt ma rcevew rendikont ta' l-esekuzzjoni tal-mandat tas-socjeta intimata u l-intimati mitlubin diversi drabi jaghtu rendikont shih ta' l-esekuzzjoni tal-mandat taghhom, anki permezz tal-konsulent legali tar-rikorrenti (kopji ta' ittri /emails annessi u immarkata "Dok. D1", "Dok. D2", Dok. "D3" u Dok. "D4" rispettivament), baqghu inadempjenti bi ksur tal-ligi u ta' l-art. 3(1) tal-ftehim imsemmi li permezz tieghu s-socjeta intimata obbligat ruhha inter alia "to announce to the Mandat or <u>every conducted transaction</u> including the setting up of a company from which the Mandator shall operate",*

*5. Illi inoltre jirrizulta minn estratt mehud mill-website tar-Registru tal-Kumpaniji ta' Malta (Dok. "E") li s-socjeta intimata Invest BG Limited ghadha qatt ma ikkonsenjat kopji tal-kontijiet annwali taghha lir-Registratur tal-Kumpaniji ai termini ta' l-art. 183 et seq. ta' l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ma jidhirx illi s-socjeta intimata tista tkun f'posizzjoni illi zzomm l-attiv tar-rikorrenti segregate mill-proprjeta personali taghha u minn dik ta' persuni ohra li favur taghhom jista' jkollha obbligazzjonijiet ohra, b'detriment ghar-rikorrenti;*

*6. Illi ghalhekk huwa evidenti illi l-intimati mhumiex f'posizzjoni illi jaghtu rendikont ta' l-esekuzzjoni tal-mandat tas-socjeta intimata lir-rikorrenti skond il-ftehim imsemmi u skond il-ligi u lanqas li jottemperaw ruhhom ma' l-obligazzjonijiet fiducjarji taghhom in generali;*

*7. Illi jirrizulta wkoll illi l-hidma tas-socjeta intimata li permezz taghha hija dahlet fi ftehim sabiex isir xiri, bejgh jew sottoskrizzjoni ghal ishma f'kumpaniji, socjetajiet jew entitajiet ohra, fosthom Invest BG Limited ghan-nom tar-rikorrenti u/jew sabiex jigi irrangat tali xiri, bejgh jew sottoskrizzjoni ta' ishma mir-rikorrenti u/jew biex timmanigga attiv appartenenti lir-rikorrenti konsistenti f'ishma f'kumpaniji, socjetajiet jew entitajiet ohra, fosthom Invest BG Limited, kif ukoll it-twettiq ta' dak il-ftehim jikkonsistu f'servizz jew servizzi ta' l-investiment ai termini ta' l-art. 2 u l-Ewwel u t-Tieni Skeda ta' l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*8. Illi ghalhekk huwa evidenti illi l-agir tas-socjeta intimata huwa wiehed abbuziv u illegali in kwandu s-socjeta intimata dahlet fil-ftehim suriferit u sa' llum baqghet topera taht l-istess ftehim minghajr ma ottjeniet licenza valida ghal servizzi ta' l-investiment skond l-art. 3 tal-Kap 370;*

*9. Illi l-intimati Claude Grima, Paul Pisani, Emmanuel Ellul u Roger Cali, in kwantu diretturi tas-socjeta intimata u bhala l-persuni responsabbli ghat-tmexxija generali ta' l-istess socjeta intimata, ghall-amministrazzjoni u l-immanigjar taghha kif ukoll ghas-*

*sorveljanza generali tal-affarijiet taghha huma ko-partecipi fin-nuqqasijiet u fl-attivita' abuziva u illegali tas-socjeta intimata u huma ghalhekk solidalment responsabbli mas-socjeta intimata favur ir-rikorrenti;*

*10. Illi sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom ir-rikorrenti qed jipprezentaw konstestwalment rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta intimata.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi din il-kawza billi:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi fl-ezekuzzjoni tal-mandat taghha s-socjeta intimata kissret it-termini tal-mandat taghha billi ma investitx l-flus tar-rikorrenti skond kif pattwit fil-Management and Agency Contract datat l-01 ta' Novembru 2006 kif ukoll billi naqset milli taghti rendikont ta' l-esekuzzjoni tal-mandat taghha lir-rikorrenti, bi ksur tal-ligi u tal-ftehim imsemmi;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-hidma tas-socjeta intimata li permezz taghha hija dahlet fil-Management and Agency Contract datat l-01 ta' Novembru 2006 u t-twettiq ta' l-istess ftehim jiksru id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu s-socjeta intimata ma ottjenitx licenza ghal servizzi ta' l-investiment u konsegwentement tordna li l-ftehim imsemmi mhuwiex enforzabbli kontra r-rikorrenti a tenur ta' l-art. 20 tal-Kap. 370;*

*3. Tordna lill-intimati solidalment bejniethom, jew li min minnhom, jirrifondu lir-rikorrenti s-somma mhallsa lis-socjeta intimata ta' tletin elf, disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60) [gia hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000)] bl-imghaxijiet legali u tillikwida l-qliegh, profitt jew beneficcju iehor li setghu ghamlu l-intimati a skapitu tar-rikorrenti, occorrendo previa il-hatra ta' periti nominandi, u tikkundanna lill-*

*intimati solidalment bejniethom, jew lil min minnhom, ihallsu l-ammont hekk likwidat favur ir-rikorrenti;*

*B' l-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment kontra s-socjeta intimata u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimati jew min minnhom. L-intimati huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Emmanuel Ellul (ID Nru. 801760(M)), Claude Grima (ID Nru. 209574(M) u Roger Cali' (ID Nru 402567(M)) li qed jidher f'ismu proprju kif ukoll ghas-socjeta' Invest BG Limited (C-38756), datat 22 ta' Ottubru 2009, a fol 47 et seq, li taqra hekk:

*1. Illi preliminarjament il-konvenuti Emmanuel Ellul (ID Nru. 801760(M)), Claude Grima (ID Nru. 209574(M)) u Roger Cali' (ID Nru 402567(M)) personalment ma humiex il-legittimi kuntradditturi f'din il-kawza;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma sar ebda ftehim personalment bejn il-konvenuti Emmanuel Ellul (ID Nru. 801760(M)), Claude Grima (ID Nru. 209574(M)) u Roger Cali' (ID Nru 402567(M)) u l-atturi u ma hemm l-ebda ness guridiku bejn il-partijiet;*

*3. Illi in linea preliminarjament ukoll din l-azzjoni hija irrita u nulla ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet u pretensjonijiet ta' l-atturi qua azzjonisti tas-socjeta' Bulgara u dan peress illi f'kaz huma messhom invokaw id-drittijiet u rimedji rizervati ghall-azzjonisti gewwa l-Bulgarija;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim u mandat konkluz bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta Invest BG (C-38756) gie ezegwit bir-reqqa tant illi l-atturi illum huma azzjonisti f'socjeta' Bulgara kif ordnat fl-istess ftehim u mandat. Inghata rendikont*

*verbali lill-atturi u taw lill-atturi c-certifikati ta' registrazzjoni tal-Bulgarija bhala turija ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-ftehim pattwit fil-Management and Agency Contract kellu jkun itterminat ma' l-ezekuzzjoni tal-mandat u cioe' mal-mument illi l-atturi jigu debitament registrati bhala azzjonisti fi hdan is-socjeta' Bulgara, liema kundizzjoni sehhet;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hux minnu illi l-ftehim milhuq tal-partijiet jikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta, ma kienx hemm bzonn ta' licenzja ghall-investiment u ghalhekk l-istess ftehim huwa wiehed validu (izda llum itterminat bl-ezekuzzjoni tieghu);*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost bil-fatt illi l-mandat gie ezegwit u bit-terminazzjoni ta' l-istess ftehim it-tieni talba attrici hija legalment improponibbli;*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma humiex obbligati li jirrifondu ebda sommom u jigi dikjarat illi l-esponenti ma kellhomx intenzjoni li jaghmlu qliegh bl-ezekuzzjoni tal-mandat (ossia r-registrazzjoni ta' l-atturi bhala azzjonisti fi hdan is-socjeta');*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u  l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet rar-rikorrenti Clifford Cauchi u Maria Cauchi Delia, datata 23 ta' Frar 2015, vide fol 338 et seq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Claude Grima (ID 209574M), u Emanuel Ellul (ID 801760M) u Invest BG Ltd; datata 8 ta' April 2015, vide fol 360 et seq;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Paul Gonzi, mahluf fil-21 ta' April 2016, a fol 416 et seq;

Rat ir-Risposta tal-Perit Legali ghad-domandi tal-atturi li saru in eskussjoni wara r-Relazzjoni, dtat 19 ta' Ottubru 2016, a fol 511 et seq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti Clifford Cauchi u Maria Cauchi Delia, pprezentata minn Dr. Sharon Pace Gouder fis-7 ta' Dicembru 2016, vide fol 525 et seq;

**Ikkonsidrat:**

**Maria Cauchi Delia** xehdet permezz ta' affidavit a fol 55 *et seq* tal-process illi f'Ottubru tal-2006 kienet rat riklam fuq gazetta lokali biex wiehed jinvesti minimu ta' Lm5,000 fi proprjeta fil-Bulgarija u ghalhekk kienet ikkuntatjat lis-socjeta ntimata u kienet saret laqgha mar-rapprezentanti tas-socjeta ntimata, flimkien mar-ragel taghha Clifford Cauchi. Xehdet illi Roger Cali kien spjegalhom illi l-flus moghtija f'idejn is-socjeta ntimata kellhom jigu nvestiti f'kumpanija Bulgara li kien ser ikollha l-iskop esklussiv li tixtri proprjeta fil-Bulgarija bil-mira li l-investment taghhom jirdoppja u jigi likwidat f'temp ta' madwar sentejn. **Kompliet illi f'laqgha sussegwenti hija kienet staqsiet jekk is-socjeta ntimata kienetx munita bil-permessi necessarji biex topera u giet informata illi kollox kien in regola**. Kompliet li hi u r-ragel taghha Clifford Cauchi kienu ghalhekk iddecidew illi jinvestu Lm15,000 u l-ftehim relattiv gie iffirmat fl-1 ta' Novembru 2006. Xehdet illi bejn Novembru 2006 u Dicembru 2007 kienet qed taghmel kuntatt ma' rapprezentanti tas-socjeta ntimata fosthom Paul Pisani u Anglu D'Arrigo li kienu qed jghidulha li l-formazzjoni tal-kumpanija Bulgara kienet qed tiehu aktar hin milli previst minhabba kwistjonijiet burokratici fil-Bulgarija u eventwalment, f'Ottubru 2007 kienu inghataw il-Memorandum u l-Articles biex jiffirmawhom.

Xehdet illi f'Jannar 2008 kienu rcievew certifikat tal-ishma tal-kumpanija Bulgara Manastiry Property Limited, mahrug f'isem Clifford Cauchi biss, illi kien juri li l-ammont investit fl-ishma kien ta' Leva 3,430. Eventwalment kienu intebhu li kien hemm diskrepanza konsiderevoli bejn l-ammont li realment investew u l-ammont muri fuq ic-certifikat li kien ta' €1,753.76 u ghalhekk bdew jinkwetaw  x'seta' gara mill-bqija tal-flus li kienu nvestew. Meta staqsew ghal spjegazzjoni minghand is-socjeta ntimata, D'Arrigo u Pisani kienu spjegawlhom illi minhabba l-ligi Bulgara, l-ammont kollu li nvestew ma setax jissarraf f'ishma u li hadd mill-investituri l-ohra ma lmentaw dwar dan. Kompliet li peress li kienet inkwetata, kienet talbet kopja tal-kontijiet tal-kumpanija izda kienet giet informata li dawn kienu ghadhom mhux lesti. Xehdet illi l-*accountant* tas-socjeta Charles Scerri kien qalilha illi bhala principju, jekk il-flus investiti ma ntuzawx kollha ghax-xiri ta' ishma, dawn kienu jkun riflessi bhala dejn fil-kotba tal-kumpanija, u ghalhekk ilmentaw ghaliex il-ftehim ma kienx jinkludi l-possibilita illi l-flus taghhom jintuzaw bhala self lil kumpanija Bulgara.

Spjegat illi r-rapprezentanti tas-socjeta ntimata ma kienux qed jaghtuha sodisfazzjoni ghad-domandi taghhom, u ghalhekk kienet talbet kopja bl-Ingliz tal-Istatut tal-kumpanija Bulgara, li meta inghatalhom  fit-2 ta' Gunju 2008 hija indunat illi l-affarijiet ma kienux kif kien gie spjegat lilhom.  Kompliet illi kien hemm skambju ta' *emails* kif ukoll numru ta' laqghat u diskussjonijiet fuq it-*telephone,* fejn ir-rapprezentanti tas-socjeta ntimata dejjem tawhom x'jifhmu li l-kwistjoni setghat tigi rizolta u offrew numru ta' alternattivi, fosthom li jinghataw flushom lura, li ssirihom garanzija adegwata, li jhassru l-ftehim li kellhom biex l-affarijiet jigu ratifikati u l-qliegh fuq l-investiment jigi kkalkolat daqs li kieku l-investment kien sar kollu fil-forma ta' ishma, pero, waqt wiehed mill-inkontri, D'Arrigo kien informahom illi l-Management and Agency Contract ma kienx ghadu applikabbli u ried jigbru lura, izda huma rrifjutaw.

Xehdet illi nonostante l-proposti maghmula mis-socjeta ntimati, flushom ghadhom ma gewx irritornati u lanqas ma saret garanzija. Xehdet ukoll illi minkejja r-rikjesti taghhom, baqghu ma nghatawx ir-rendikonti tal-kumpanija Manastiry u barra minn hekk kienu gew informati minn Paul Pisani u Angelo D'Arrigo illi ma kienux f'posizzjoni li jaghtuhom flushom lura minhabba l-processi burokratici fil-Bulgarija u ghaliex ma kellhomx likwidita.

**In kontro-ezami** a fol 468 *et seq,* xehdet illi meta ghamlu t-transazzjonijiet mas-socjeta ntimata, hi kienet fehmet illi 75% mill-ammont ta' flus li hi u zewgha ddecidew jinvestu, kienu ser imorru f'ishma f'kumpanija Bulgara. Xehdet ukoll illi r-rapprezentanti tas-socjeta ntimata kienu qalulha li l-kumpanija Bulgara kienet ser tkun *limited liability* biex jigu limitati r-riskji. Xehdet illi mhux korrett illi wiehed jghid li xtraw sehem fil-proprjeta ghaliex huma xtraw sehem fil-kumpanija, li fost l-assi taghha suppost kien hemm proprjeta. Xehdet illi l-mandat li taw lis-socjeta ntimata ma kienx biss rigward l-ishma izda biex jiehdu l-investiment kollu.

**Clifford Cauchi** xehed permezz ta' affidavit a fol 64 permezz ta' liema ikkonferma u kkorobora x-xhieda moghtija minn martu fl-affidavit taghha.

**In kontro-ezami** a fol 465 *et seq* xehed illi l-iskop li ghalih dahlu fil-ftehim in kwistjoni mas-socjeta ntimata, kien sabiex il-proporzjon miftehma tal-flus illi ghaddewlha, jigu nvestiti f'ishma fil-kumpanija Bulgara li l-assi principali taghha kienu proprjeta fil-Bulgarija. Mistoqsi jekk 75% minn flushom kellhomx imorru biex jakkwistaw sehem *pro-rata* tal-proprjeta, wiegeb fin-negattiv, ghaliex skont il-kuntratt dawn kellhom jigu investiti f'ishma tal-kumpanija Manastiry, u ghalhekk kien jistenna li jara 75% ta' Lm15,000 bhala valur tal-ishma. Qabel illi indipendentement ghall-valur tal-ishma, ried jara wkoll illi jkollu *pro-rata ownership* fil-kumpanija Manastiry u l-proprjeta b'mod ekwu man-nies l-ohra li poggew il-flus fil-kumpanija. **Xehed ukoll illi huma kienu dahlu f'dan il-ftehim ghaliex Roger Cali kien qalilhom li l-investiment taghhom kien ser jirdoppja**. Xehed illi meta gie muri l-lista ta' azzjonisti u l-percentwali taghhom ma nghatax garanzija li flus tar-rikorrenti ma marrux ghal sehem haddiehor ghaliex ma setghax jikkonferma l-percentwal ta' sehemu fil-kumpanija.

Mistoqsi ghalfejn ma hax azzjoni kontra l-kumpanija Bulgara bhala azzjonist, wiegeb illi dan kien ghaliex hu kellu ftehim mas-socjeta ntimata u jekk hi ma qdietx il-mandat taghha tajjeb, allura l-ewwel ilment kellu jkun kontra taghha. Qabel illi llum il-gurnata ghadu azzjonist fil-kumpanija Manastiry, u qatt ma ha passi kontra din il-kumpanija jew id-direttui taghha.

**Roger Cali, direttur tas-socjeta ntimata** xehed in subizzjoni a fol 425 – 427 u gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument a fol 11 tal-process. **Mistoqsi x'kienu l-ghanijiet tal-kumpanija**

**wiegeb** illi *'people who wanted to invest in Bulgaria would send the money through the company.* ***I don't know exactly how it works.*** *It was a mandatory company'* u zied li filfatt dan ix-xoghol kien sar mis-socjeta ntimata.

Xehed illi lir-rikorrenti kien iltaqa' maghhom biex sar il-kuntratt, izda ma setghax jiftakar jekk kienx is-*sales person,* ghaliex minbarra hu kien hemm ukoll Angelo D'Arrigo, Paul Pisani u Emmanuel Ellul li kienu *sales persons* u jista' jkun anke Claude Grima. **Skont hu, x-xoghol ta'** ***sales person*** **kien li jsib persuni biex jinvestu l-flus taghhom fil-proprjeta gewwa l-Bulgarija, cioe biex isiru shab f'kumpanija Bulgara biex ikollhom ishma fiha**. Fil-kaz tar-rikorrenti, din il-kumpanija Bulgara kien jisimha Manastiry.

Mistoqsi x'sar mill-flus imhallsa mir-rikorrenti, wiegeb illi hu zgur li l-art inxtrat. Xehed illi qabel ma nfethet ill-kawza, r-rikorrenti kienu avvicinawh biex jikkonfermaw dan u hu kien baghthom ikellmu lill-*accountant* peress illi kienu talbu wkoll informazzjoni fuq kif jinhadmu l-ishma u hu ma tantx kien jifhem. Xehed illi hu ma kienx responsabbli fuq kwistjonijiet finanzjarji u ghalhekk ma **kienx jaf x'kontijiet bankarji kellha is-socjeta rikorrenti u x'*records* u *accounts* kienet izomm dwar in-negozju taghha, u ghalhekk lanqas ma kien jaf x'rendikont inghataw ir-rikorrenti.**

Rigward il-kumpanija Bulgara Manastiry xehed illi din il-kumpanija ghada tezisti u d-diretturi taghha huma Emanuel Ellul, Claude Grima u Paul Pisani, li kienu dejjem diretturi, filwaqt illi l-*manager* huwa Emanuel Ellul.

**In kontro-ezami** xehed illi s-socjeta ntimata kienet tbiegh *shareholding* fl-art il-Bulgarija, u **s-sistema kienet tahdem billi d-diretturi kienu jixtru l-art f'isem il-kumpanija Bulgara bl-iskop li din tinbiegh lil akkwirenti li jixtru sehem *pro-rata* fl-ishma tas-socjeta**. Spjega illi kienet twaqqfet kumpanija il-Bulgarija ghaliex skont il-ligi Bulgara, ma tistax tinxtara proprjeta mmobbli ("*art*") f'isem persuna naturali, izda biss f'isem kumpanija.

Spjega illi dan kien filfatt sar, u r-rikorrenti kienu hallsu Lm15,000 lis-socjeta ntimata biex din tibghat il-flus biex tinxtara l-art, liema art effettivament inxtrat u Clifford Cauchi kien gie

rresgistrat bhala azzjonisti fil-kumpanija Bulgara Manastiry. Kompla illi s-socjeta ntimata kienet tat dokument lir-rikorrenti fejn informawhom illi kienu azzjonisti fil-kumpanija Bulgara u sa fejn jaf hu kienu iffirmawh, u jiftakar li dakinhar kienu ilmentaw fuq xi *shareholder loans* u ghalhekk hu irreferihom ghand l-*accountant* Charles Xerri.

Xehed illi ma kienx jaf jekk kienu saru xi *accounts* tal-kumpanija Bulgara. Zied illi l-atti formali gewwa l-Bulgarija kienet tiehu hsiebhom l-avukat Antonia Ivanova u filfatt jiftakar illi gieli kien ghadda xi pagamenti generali lill-istess avukat ghall-*accounts*, pero ma jafx x'kienu ezatt dawn il-pagamenti. Kompla jixhed illi Paul Pisani kien l-iktar direttur involut fit-trasferimenti ta' flus izda dan qatt ma tah rendikont tat-trasferimenti li kien jaghmel lejn il-Bulgarija.

Rigward l-art tal-Bulgarija xehed illi sa fejn jaf hu hemm circa 50,000sqm b'kollox konsistenti fi *plots* differenti izda ma jafx ezatt kemm inbieghet minnha din l-art. Aktar tard xehed illi nbieghat ftit inqas minn 50% minnu u l-bqija zammewh huma. Insista li dan kien il-ftehim li kellhom mal-investituri u li ghalkemm minn dan m'hemm xejn bil-miktub, kienu qalulhom li ser izommu 50% minn din l-art.

**In ri-ezami** ikkonferma illi parti mill-ispejjez kienu jithallsu *pro-rata* mill-investiment tal-investituri izda xehed illi ma jistghax jaghti rendikont ta' dawn l-ispejjez ghaliex ma kellux kopja. Xehed illi l-azzjonisti ta' Manastiry huma Emmanuel Ellul bhala Manager, hu stess, Paul Pisani u Claude Grima bhala 50% (circa) shareholders imbaghad hemm in-nies l-ohra (l-akkwirenti) inkluz ir-rikorrenti. Xehed illi la huma u lanqas il-kumpanija Manastiry qatt ircievew xi ilment jew interpellazzjoni ufficjali. Xehed ukoll illi huwa kien esegwixxa l-mandat li kellu skont il-ftehim li kien hemm bejn ir-rikorrenti u s-socjeta ntimata ezebit a fol 11.

**Emmanuel Ellul** xehed in subizzjoni a fol 430 *et seq* illi huwa kien direttur fis-socjeta ntimata u kif ukoll azzjonist. Spjega illi li l-ewwel darba li kien iltaqa' ma' Clifford Cauchi kien waqt laqgha f'Novembru 2009 meta s-socjeta ntimata kellha l-AGM dwar il-proprjeta gewwa l-Bulgarija. Mistoqsi x'kienet ir-relazzjoni bejn Clifford Cauchi u l-kumpanija Manastiry wiegeb illi Cauchi kien ghamel kuntratt mas-socjeta ntimata biex jinvesti l-ammont ta' Lm15,000 fil-proprjeta gewwa l-Bulgarija. Mistoqsi x'gara b'dawn il-flus, wiegeb illi dawn il-flus marru

ghand il-FEXCO u ntbaghtu direttament il-Bulgarija fil-kumpanija Manastiry Limited. Dan jafu bic-cert ghaliex kien hemm it-timbru tal-FEXCO fuq wara tac-cekk. Spjega li dawn il-flus intuzaw minn Manastiry biex tinxtara l-propjeta u f'Dicembru 2006 sar l-ewwel kuntratt ta' 355 sqm art bil-prezz ta' €525,000 circa, u dan jafu bic-cert ghaliex kien mar il-Bulgarija (Varna) hu stess biex jaghmel il-kuntratt.

Xehed illi dak iz-zmien, il-firmatarji ta' Invest BG kienu d-diretturi kollha, u sat-28 ta' Dicembru 2006 hu u Paul Pisani kienu awtorizzati biex johrogu l-flus, filwaqt li wara din id-data l-persuni awtorizzati kienu Paul Pisani u Claude Grima. Il-firmatarja tal-kont tal-kumpanija Manastiry kienet l-Avukata Ivanova biss, li kienet tiehu struzzjonijiet minghand Paul Pisani u Angelo D'Arrigo.

Rigward il-kumpanija Manastiry xehed illi ma kienx hemm diretturi izda biss shareholders u hu kien il-Manager. **Xehed ukoll illi huwa m'ghandux rendikont tal-flus imhallsin mill-avukata Ivanova ghaliex dan ix-xoghol kien isir minn Angelo Darrigo, Paul Pisani u Roger Cali.**

Xehed illi r-rikorrenti qatt ma kienu ilmentaw mieghu dwar l-investiment qabel ma intavolaw dawn il-proceduri, izda jaf li darba kienu ilmentaw dwar xi *shareholders loans*, li huwa kien staqsa dwaru u gie informat minn Paul Pisani li kien issolva. Zied pero illi waqt l-AGM li saret f'Novembru 2009 Clifford Cauchi kien qal li ried il-flus kollha lura.

Mistoqsi minn dawk il-flus li investa f'ishma fil-kumpanija Manastiry x'ghandu x'juri f'idejh Clifford Cauchi wiegeb illi huwa rcieva 343 shares li kellhom il-valur ta' ghaxar Leva kull wiehed, b'total ta' 3,430 Leva, li huma ekwivalenti ghal €1,758.97. Mistoqsi x'sar minnhom il-bqija tal-flus li kienu investew ir-rikorrenti wiegeb illi l-kumplament tal-flus investiti fil-kumpanija intuzaw biex tinxtara l-art. Mistoqsi kemm investa Cauchi wiegeb li b'kollox investa Lm 15,000 u cioe EUR 34,482.75 li dawk f'art jissarfu f'1724 sqm.

Mistoqsi Clifford Cauchi x'ghandu x'juri ghad-differenza bejn il-€34,482.75 (li kien investa) u il €1758.97 (valur tal-ishma), wiegeb li m'ghandu xejn hlief 3.43% tal-art kollha li tipposjedi l-Manastiry. Spjega illi l-kumpanija Manastiry ghandha 50,300sqm proprjeta immobli kif jidhru

fid-dokumenti prezenti bhal **DOK EE5, DOK EE6, DOK EE7, DOK EE8, DOK EE9** li huma kuntratti tal-art akkwistata. Qal illi s-socjeta ntimata m'hijiex f'posizzjoni li tirrifondi lir-rikorrenti u dan ghaliex m'hemmx ghalfejn.

Xehed illi hemm proceduri ghaddejin kontra Paul Pisani, u dan billi kien hu stess li kien mar ghand il-pulizija minhabba misapproprjazzjoni ta' xi flus ta' Invest BG li rceviet minghand in-nies rigward Kahlija Co. Ltd u Property Invest.

Rigward il-kumpanija Manastiry xehed illi **din kienet waqfet topera wara l-2007**. Rigward l-*accounts* esebiti tal-istess kumpanija, huwa kkonferma bhala l-*manager* tal-kumpanija dak iz-zmien illi dawn l-*accounts* huma veritieri u jirriflettu b'mod veritier in-negozju tal-kumpanija. Fir-rigward tad-dokument prezentat minnu mmarkat Dok EE 10 spjega illi dan m'huwiex *accounts* tal-kumpanija izda kien dokument ppreparat mill-*accountant* personali tieghu gewwa Sophia.

Spjega illi l-kumpanija bdiet *b'share capital* ta' 5000 BGN u meta dahlu l-investituri zdiet ghal 100,000 BGN. Minn dan il-100,000BGN is-sehem ta' Clifford Cauchi bhala *share capital* kien ta' 3430BGN. Kompli li fl-2007 l-investituri saru parti minn Manastiry u fis-17 ta' Dicembru 2007 infetah kont gdid fil-bank bil-munita tal-leva (BGN). Is-share capital tal-kumpanija telghet minn 5000BGN ghal 100,000 BGN u f'dan il-kont gew depositati flus (BGN) ghal kull shareholder b'mod *pro-rata* skond l-investment li kienu ghamlu.

**Emanuel Ellul, prodott mill-intimati** xehed a fol 449 *et seq* tal-process illi hu u Paul Pisani riedu jixtru art il-Bulgarija u peress illi kien hemm bzonn ammont ta' kapital kbir, kienu ftehmu li jwaqfu s-socjeta ntimata, li fiha kienu erbgha diretturi, bl-iskop li jdahhlu investituri ohrajn li jaghmlu kuntratt mas-socjeta ntimata ghall-ammont ta' flus li jridu jinvestu fil-Bulgarija u hekk sar. **Spjega illi peress li fil-Bulgarija tista' tixtri art biss tramite kumpanija, kienu waqqfu kumpaniji Bulgari u <u>kull min hallas dahal fil-kumpaniji bhala azzjonist</u>. Fil-kaz tar-rikorrenti, dawn kienu investew il-flus fil-kumpanija Manastiry u ghalhekk saru azzjonisti taghha.**

Spjega illi meta r-rikorrenti ghamlu l-investiment taghhom l-art kienet ghada ma nxtratx, u l-investituri kollha, inkluz ir-rikorrenti, kienu gew informati illi kienu ser jinghataw sehem mill-kumpanija wara li tinxtara l-art. Wara li nxtrat l-art, fl-2007, ir-rikorrenti iffirmaw l-Articles of Association tal-kumpanija Manastiry, fejn inghataw ishma ”*...f'persentagg pro-rata skont kemm hargu flus u cioe skont kemm kellhom art*” li fil-kaz tar-rikorrenti kienu 343. Zied li ghalhekk is-socjeta ntimata kienet onorat il-ftehim taghha u ma kellhiex rwol iehor.

Xehed ukoll permezz ta' affidavit (Dok EA1) illi s-socjeta Invest BG Limited kienet giet imwaqqfa fl-2006 b'erba diretturi, u cioe hu stess, Paul Pisani, Claude Grima u Roger Cali. Spjega illi l-iskop taghha kien li tirriklama fis-suq Malti biex tigbor persuni interessati li jkunu azzjonsti f'kumpaniji Bulgara flimkien maghhom f'isimhom personali, sabiex din il-kumpanija Bulgara takkwista diversi artijiet gewwa l-Bulgarija. Kompla illi l-Invest BG Limited kienet tigbor il-flus u titrasferihom lil kumpanija Bulgara, u ghalhekk ma kelliex bzonn licenzja biex topera ghaliex ma kienetx tipprovdi servizzi ta' investiment.

Spjega illi r-relazzjoni bejn Invest BG Limited u l-persuni interessati li jixtru kienet irregolata permezz ta' *Management and Agency Contract* u n-natura taghha kienet dik ta' mandat, u minn dan isegwi illi l-kuntratt iffirmat mar-rikorrenti ma kienx wiehed ta' nvestiment. Kompla illi l-iskop tas-socjeta ntimata kien li "…tinvesti l-flus tal-mandant fi proprjeta gewwa l-Bulgarija…permezz tat-twaqqif ta' kumpannija jew kumpanniji gewwa l-Bulgarija...." Sussegwentement zied illi kienet il-kumpanija Bulgara li kienet tiehu hsieb tinvesti l-flus tal-mandanti, u ghalhekk il-mandat bejn is-socjeta ntimata u r-rikorrenti gie tterminat bl-esekuzzjoni tieghu mat-trasferiment tal-flus mis-socjeta ntimata lill-kumpanija Bulgara u s-segwenti registrazzjoni tar-rikorrenti bhala azzjonisti tas-socjeta Bulgara.

B'referenza ghal Schedule 1 tal-ftehim, xehed illi dan ma kienx ifisser illi s-socjeta ntimata kienet ser tinvesti l-flus f'proprjeta jew art gewwa l-Bulgarija ghaliex il-mandat taghha kienet sabiex tircievi l-flus u tghaddihom lill-kumpanija Bulgara, u dan il-fatt huwa enfasizzat f'Schedule II.

Xehed illi il-kumpanija Bulgara kienet diga giet formata meta gew trasferiti l-flus tar-rikorrenti, izda kienet ghada ma akkwistat ebda proprjeta, u r-rikorrenti kienu gew informati dwar dan u kienu jafu illi kien biss wara l-iffirmar tal-kuntratt finali, li kienu ser jinghataw l-ishma fil-kumpanija Bulgara. Manastiry Limited ghamlet l-akkwisti necessarji bejn Dicembru 2006 u Frar 2007 u r-rikorrenti iffirmaw il-Memorandum and Articles of Association tal-istess kumpanija fit-30 ta' Ottubru 2007, u saru azzjonisti b'343 ishma.

Spjega illi l-art mixtrija mill-kumpanija, b'kejl kumplessiv ta' 50,300 metru kwadru kienet tiswa €745,500, u kull sehem fil-kumpanija kien jiswa daqs 5.03 metru kwadru ta' art li kien riflessjoni tas-*share capital* tal-kumpanija fis-somma ta' 100,000 leva, u kien fuq din il-bazi li gie kkalkolat is-sehem tar-rikorrenti, skont il-formola kif tidher f'Dok ME14. Spjega illi l-ammont li kellu jigi investit wara li jitnaqqsu l-25% kif stipulat fil-ftehim kien ta' €25,879.35, u ghalhekk jekk €754,20 jikkorispondi ghal 100,000 leva, is-somma ta' €25,879.35 tikkorispondi ghal 3430 leva, u cioe 343 ishma, u filfatt din is-somma kienet giet depozitat ghan-nom tar-rikorrenti fil-kont bankarju ta' Manastiry.

Nnega illi l-flus imhallsa mir-rikorrenti intuzaw ghal xi *shareholder loans* u nnega wkoll illi r-rikorrenti ma kienux inghataw traduzzjoni tal-istatut tal-kumpanija Bulgara qabel ma ffirmaw, ghaliex dan kien filfatt rekwizit skont il-ligi Bulgara.

Specifika illi r-rata ta' kambju f'Novembru 2006 kienet 0.434 u **ghalhekk is-somma ta' Lm15,000 mhallsa mir-rikorrenti hija ekwivalenti ghal €34,505.80**.

**In kontro-ezami** a fol 460 *et seq* tal-process xehed illi lill-azzjonisti l-ohrajn ma kienux dahhluhom bhala azzjonisti qabel mal-kumpanija Bulgara xtrat il-proprjeta ghaliex "*kien ikollna noqghodu nilghabu bix-shares li ma kienetx tkun prattika*."

Spjega illi r-rikorrenti ghandhom 343 ishma li b'kollox jiswew €1,758.97. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom 3.43% tal-ishma tal-kumpanija li huma ekwivalenti ghal 75% li hallsu.

**In ri-ezami** a fol 463 xehed illi kull sehem ta' azzjonist fil-kumpanija Manastiry huwa ekwivalenti ghal 5.03 metru kwadri.

**Amanda Galea**, rapprezentata tar-Registratur tal-Kumpaniji tal-MFSA, xehdet a fol *et seq* illi s-socjeta ntimata giet irregistrata mar-*Registry of Companies* fit-23 ta' Mejju tal-2006. Xehdet illi s-**socjeta ntimata qatt ma prezentat *audited accounts* lir-Registratur tal-Kumpaniji, li jfisser li l-kumpanija qed tehel penali minhabba dan in-nuqqas.**

**Claude Grima** xehed in subizzjoni a fol 445 *et seq* tal-process illi huwa kien direttur tas-socjeta intimata, ghalkemm illum il-gurnata m'ghadhux, u kien u ghadu azzjonist fl-istess kumpanija. Spjega illi l-ewwel darba li kien iltaqa' mar-rikorrenti kien meta kienu marru biex jiffirmaw il-kuntratt permezz ta' liema xtraw ishma fl-art fil-Bulgarija ghal ammont ta' circa Lm15,000.

Spjega illi **r-rikorrenti kienu inkarigaw lis-socjeta ntimata biex tixtri b'ammont ta' Lm15,000 ishma fil-kumpanija Manastiry** li kellha l-art fil-Bulgarija. Zied illi dawn il-flus qatt ma gew f'idu u sa fejn jaf hu marru direttament fil-kumpanija Manastiry. **Mistoqsi kemm ircievew ishma ir-rikorrenti fil-kumpanija Manastiry wiegeb illi ma jafx ezatt** pero l-kuntratt jghid li kellhom jircievu ishma ghall-valur ta' Lm15,000. Xehed ukoll illi **Paul Pisani kien il-persuna li kien responsabbli biex jiehu hsieb il-pagamenti u l-*paperwork***. Spjega illi l-firmatarju tal-kumpanija Manastiry kien il-manager Emmanuel Ellul. Qal ukoll illi azzjonisti f'din il-kumpanija kienu hafna, inkluz ir-rikorrenti u l-intimati, izda l-avukata Ivanova ma kienetx wahda minnhom.

Xehed illi kien sar jaf li r-rikorrenti kienu marru l-ufficji ta' Real Zone Estate biex jaghmlu ilment, u filfatt Paul Pisani kien gibidlu l-attenzjoni li r-rikorrenti kienu qed jghidu li kien hemm xi problema fl-ammont ta' ishma, li ma kienux qed jaqblu maghhom, izda ma jafx x'gara wara dan l-ilment, u l-laqgha li kienet saret dwaru. **Qal li kien prezenti f'din il-laqgha u ma kien intqal xejn relevanti ghal din il-kawza**.

Xehed ukoll permezz ta' **affidavit** permezz ta' liema ikkonferma u kkorrobora x-xhieda li ta Emmanuel Ellul fl-affidavit tieghu.

**In kontro-Ezami** xehed illi ghalkemm ma jafx amministrattivament x'sar mill-flus tar-rikorrenti, fl-ahhar marru ghand il-kumpanija Manastiry, u l-ishma taghhom gew riflessi fl-istatut tal-kumpanija, ghalkemm ma jiftakarx l-ammont taghhom. Fir-rigward tal-ilment li kienu ghamlu r-rikorrenti, xehed illi kien Paul Pisani li kien ha hsiebu, izda Pisani qatt ma reggha kellmu fuq il-kwistjoni u ghalhekk ma jafx x'passi ittiehdu minnu, u lanqas xi *follow up* ma' sar ma' Paul Pisani jew l-awditur Charles Xerri. Xehed ukoll illi ma jidhirlux illi kienu ircievew xi ilmenti ohra, lanqas mill-Awtoritajiet Bulgari.

**Kenneth Ellul** xehed a fol 457 *et seq* tal-process illi huwa azzjonista fis-socjeta Manastiry Property Limited, wara li kien ghamel ftehim mas-socjeta ntimata biex Manastiry tixtri bicca art f'Varna fl-2006/2007. **Huwa kien gie muri *portfolio* mis-socjeta ntimata u peress li kien interessa ruhhu kien iddecieda li jinvesti u jixtri ishma fil-kumpanija Bulgara**. Xehed illi l-kuntratt mas-socjeta ntimata kien li jkollhom sehem f'din l-art, imbaghad l-art tinbiegh idejalment bi qliegh.

**Reuben Mizzi** xehed a fol 458 *et seq* tal-process illi huwa azzjonista fis-socjeta Manastiry Property Limited wara li kien ghamel ftehim mas-socjeta ntimata li kienet ghamlet riklam fil-gazzetta bl-iskop li tattira investituri. **Spjega illi l-ftehim kien illi huwa hallas somma flus li kellha tissarraf f'ishma fil-kumpanija Manastiry Property Limited** li kienet ser tixtri art biex imbaghad tinbiegh bi qliegh. Kompla illi huwa kien ghadu qed jistenna li jiehu lura l-kapital li nvesta u l-profitt. Zied li wara dan, ir-rwol tas-socjeta intimata kien li tiehu hsieb li kollox imur skont ir-regola fir-rigward tax-xiri tal-art.

**Donavin Camenzuli** xehed permezz ta‘ affidavit illi **hu u martu kienu iffirmaw *Management and Agency Contract* mas-socjeta ntimata permezz ta' liema kienu tawha mandat sabiex tghaddi l-flus li kienu trasferewlha lil Manastiry Property Ltd li kellhom jigu riflessi f'*shareholding* fl-istess kumpanija** sabiex din il-kumpanija tkun tista‘ takkwista artijiet. Xehed illi huma kienu fehmu li wara li s-socjeta ntimata tghaddi l-flus lil kumpanija Bulgara u jigu registrati bhala azzjonisti taghha, huma ma jkollhom xejn iktar x'jaqsmu mas-socjeta ntimata, u ghalhekk meta kienu rcevew ic-certifikat li kienu saru azzjonisti tal-kumpanija Bulgara huma fehmu li ma kellhomx iktar x'jaqsmu mas-socjeta ntimata, u ghalhekk fehmu wkoll li meta Paul

Pisani kien seraq il-flus mill-kumpanija ma setghux jipprocedu kontra s-socjeta ntimata peress illi l-ftehim ta' bejniethom kien diga gie tterminat.

**Mark Anthony Chetcuti** permezz ta' affidavit xehed illi **flimkien ma' martu, kienu ghaddew somma flus lis-socjeta ntimata taht *Management and Agency Contract,* permezz ta' liema kienu taw mandat lis-socjeta ntimata tghaddi l-flus lil kumpanija Bulgara Manastiry biex jigu riflessi f'ishma fl-istess kumpanija Bulgara**, peress illi, skont kif qalulhom ir-rapprezentanti tas-socjeta ntimata, art fil-Bulgarija tista' tinxtara biss tramite kumpanija. Xehed illi huma kienu fehmu illi wara li s-socjeta ntimata tghaddi l-flus lil kumpanija Bulgara u jigu registrati bhala azzjonisti taghha, l-mandat jigi tterminat u ghalhekk meta Paul Pisani kien seraq il-flus mill-kumpanija ma setghux jipprocedu kontra s-socjeta ntimata peress illi l-ftehim ta' bejniethom kien diga gie tterminat.

Fir-rapport tieghu, il-Perit Legali Dr. Paul Gonzi, wara ezami akkurat, ikkonkluda illi:

*"Illi ghal dawn ir-ragunijiet premessi, hija l-opinjoni tal-esponenti li l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa fil-konfront tas-socjeta Invest BG Limited ghaliex s-socjeta Invest BG Limited naqqset tonora l-obbligi fiducjarji u kuntrattwali taghha.* (...)

*Ghaldaqstant hija l-opinjoni tal-esponenti illi, l-ewwel talba ghandha tigi michuda fil-konfront tal-intimati l-ohra u dan peress illi huma ghandhom personalita' distinta, b'obbligi fiducjarji lejn il-kumpannija izda mhux lejn ir-rikorrenti u kwindi, la l-kuntratt sar mal-Invest BG Limited ghandha tkun l-Invest BG Limited li tirrispondi ghall-ksur tal-obbligi kuntrattwali u l-ksur tal-obbligi fiducjarji taghha.* (...)

***it-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha*** *ghaliex l-kuntratt tal-01 ta' Novembru 2006 u t-twettiq ta' l-istess ftehim jiksru id-disposizzjonijeit ta' l-artikolu 3 tal-Kap 370 in kwantu s-socjeta Intimata Invest BG ma ottjenitx licenzja skond l-istess Artikolu.*

*Ghal l-istess ragunijiet,**l-hames eccezzjoni tal-intimati ghandha tigi michuda.***

*In oltre, ghar-ragunijiet premessi,**__it-tielet talba tar-rikorrenti ghandha wkoll tigi milqugha fil-konfront tas-socjeta Invest BG Limited__** **u dan sabiex, ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kap 370, l-istess socjeta' ghandha tigi ordnata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma mhallsa lis-socjeta' intimata ta' mhux inqas minn tletin elf, disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu €34,940.60 u kull qligh li jista' jkun sar minhabba li dawk il-flus kienu gew trasferiti mir-rikorrenti.***

*Illi ghal dan il-ghan imiss f'dan l-istadju illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-hatra ta' perit espert sabiex jillikwida il-valur tas-suq reali tal-ishma tar-rikorrenti fis-socjeta' Manastiry Property Limited (liema perit irid ikunu kapaci jaghmel dan l-ezercizzju b'taghrif dwar il-ligijiet tal-Bulgarija) u dan biex jigi determinat jekk sarx qligh minhabba li dawn il-flus gew trasferiti mir-rikorrenti – u dan kif fil-fatt talbu li jsir r-rikorrenti fit-tielet talba taghhom.*

*Illi ghal kull buon fini* **__it-tielet talba tar-rikorrenti m'ghandiex tintlaqa fil-konfront tad-diretturi intimati personalment__** *- dan b'referenza ghal dak li ntqal aktar il-fuq dwar ir-responsabbilta' personali ta' diretturi u partikolarment peress li, nonostante l-Artikolu 16A tal-Kap 370, il-Kap 370 ma jimponix responsabbilta' personali fuq d-diretturi tal-kumpannija sabiex jirrifondu huma l-valur tal-investiment u l-qligh f'kaz li l-kumpannija tkun offriet "servizz ta investiment" minghajr ma kellha l-licenza mehtiega.[1] "*

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi minkejja Paul Pisani gie notifikat bir-rikors guramentat fit-13 ta' Ottubru 2009 huwa baqa' kontumaci.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciz fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

---

[1] l-Artikolu 16A tal-Kap 370 jghid li l-Awtorita kompetenti (l-MFSA) tista timponi penaltajiet amministrattivi anke fuq direttur, manager, segretarju jew persuni ohra meta dawn jiksru l-kundizzjonijiet ta' licenzja "*u, jew meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta l-agir ta' xi persuna jammonta ghal ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att*", jew ta regolamenti mahruġa tahtha.

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
>
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni prelimari taghhom, l-intimati ecceppew illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita u nulla ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti qua azzjonisti tas-socjeta Bulgara, peress illi messhom invokaw id-drittijiet u r-rimedji riservati ghall-azzjonisti gewwa l-Bulgarija.

Il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni preliminari hija *ictu oculi* nfondata. Kif jidher mir-rikors guramentat tar-rikorrenti, u kif sostenut mix-xhieda taghhom, l-ilment taghhom f'din l-azzjoni m'huwiex fir-rigward tal-kumpanija Bulgara, izda fir-rigward tas-socjeta ntimata, u cioe illi s-socjeta ntimata ma adempietx il-mandat moghti lilha mir-rikorrenti bil-mod patwit, u illi meta dahlet fil-ftehim in kwistjoni mar-rikorrenti, is-socjeta ntimata ma kienetx koperta bil-permessi necessarji sabiex tezercita n-negozju taghha. Huwa car li dawn l-ilment m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kumpanija Bulgara u d-drittijiet tar-rikorrenti bhala azzjonisti taghha, izda huma ilmenti strettament relattivi ghas-socjeta ntimata. Minn dan isegwi illi n-nullita u rritwalita argumentata mill-intimati ma tezistix.

Ghalhekk it-tielet eccezzjoni preliminari qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-Qorti tqis illi jkun opportun illi tindirizza l-ewwel nett it-tieni talba tar-rikorrenti rigward il-htiega o meno li s-socjeta ntimata tkun munita bil-permessi necessarji ai termini tal-Kapitolu 370 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-korrispondenti hames eccezzjoni tal-intimati, u dan peress illi din it-talba tolqot proprju il-validita tal-ftehim kontrattat bejn il-partijiet.

Ir-rikorrenti jikkontendu illi galadarba s-socjeta ntimata kienet qed toffri servizz ta' immanigjar ta' investimenti, allura kellha bzonn licenzja ai termini tal-Artikolu 370 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx koperta minn tali licenzja, isegwi illi l-ftehim kontrattat bejn il-partijiet m'huwiex validu ai termini tal-ligi. Minn naha l-ohra, l-intimati jirrespingu din it-talba, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jargumentaw illi s-socjeta ntimata kienet biss qed tezercita mandat li jinvolvi l-ghan principali ta' xiri u bejgh ta' proprjeta  ghalhekk m'huwiex skema finanzjarja jew ta' investiment, izda huwa biss negozju ta' kuntratturi fil-bejgh u xiri ta' proprjeta li allura ma jaqax taht il-Kapitolu 370 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li dan jirregola investiment ta' natura teknika u ta' element ta' riskju.

Il-Qorti tibda l-ewwel nett billi tirrimarka li ghandu ragun il-Perit Legali meta jghid li l-ligi applikabbli f'din il-kawza hija l-ligi li kienet in effett fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim bejn il-

partijiet, u **cioe dik in effett fl-2006**, u mhux il-ligi kif sussegwentement emendata li ghaliha jaghmlu referenza l-intimati. Peress illi skont l-istess kapitolu, fejn hemm differenza bejn it-test Ingliz u t-test Malti ghandu jipprevali t-test Ingliz, il-Qorti sejra ticcita l-artikoli relevanti mit-test Ingliz, u dan fl-istat li kien fl-2006.

L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 370 tal-Ligijiet ta' Malta kien sa mill-2006 jiddisponi illi:

> *(1)No person shall provide, or hold himself out as providing, an investment service in or from within Malta unless he is in possession of a valid investment services licence.*
>
> *(2) No body corporate, unincorporated body or association formed in accordance with or existing under the laws of Malta, shall provide or hold itself out as providing an investment service in or from within a country, territory or other place outside Malta unless it is in possession of a valid investment services licence. [...]"*

Fl-2006, il-ligi kienet tiddefinixxi "*servizz ta' investiment'* b'dan il-mod:-

> ***"investment service" means any service falling within the First Schedule when provided in relation to an instrument".***

Ghalhekk, kif sewwa jghid il-Perit Legali, sabiex il-Qorti tiddetermina jekk is-servizz offrut mis-socjeta ntimata kienx jammont ghal servizz ta' investiment ai termini tal-Kapitolu 370, il-Qorti trid taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Irid jigi determinat l-ewwel nett jekk is-servizz provdut jaqghax entro l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 370; u
2. Sussegwentement irrid jigi ddeterminat jekk tali servizz giex provdut relattivament ghal strument hekk kif definit fit-Tieni Skeda tal-istess Kapitolu.

L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 370, fl-2006 kienet tinkludi, *inter alia*, is-segwenti servizzi:

> *"1. Dealing as Principal or Agent*
> *Buying, selling, subscribing for or underwriting instruments as principal or agent.*
>
> *2. Arranging Deals*
> *Arranging for another person to buy, sell, subscribe for or underwrite instruments"*
>
> *3. Management of Investments*
> *Managing or agreeing to manage assets belonging to another person if those assets consist of or include one or more instruments or the arrangements for their management are such that the person managing or agreeing to manage those assets has a discretion to invest any of those assets in one or more instruments.*
>
> *[...]*
> *5. Investment Advice*
> *Giving, or offering or agreeing to give, to persons in their capacity as investors or potential investors:*
> - *advice on the merits of their purchasing selling, subscribing an instrument, or exercising any right conferred by an instrument to acquire, dispose of, underwrite or convert an instrument; or*
> - *advice in relation to a scheme or arrangement involving an instrument.*
>
> *[...]".*

Imbaghad, permezz tat-Tieni Skeda, il-Kapitolu 370 kien jiddefinixxi strument, *inter alia*, b'dan il-mod:-

"*1. (1) Securities, including shares and stocks of capital of a company, debentures, debenture stock, loan stock, certificates of deposits, bonds, notes and any other instruments creating or acknowledging indebtedness.*
*[...]*
*2. Units*[2] *in a collective investment scheme.*
*[...]*
*4. Certificates or other instruments which confer property rights in respect of any instrument falling within this Schedule*"

Fil-kaz odjern m'huwiex kontest x'kien ir-rwol tas-socjeta ntimata fin-negozju konkluz bejn il-partijiet li principalment kellha tiehu l-flus li jghaddulha r-rikorrenti u tinvestihom f'ishma f'kumpanija Bulgara li kienet involuta f'bejgh u xiri ta' proprjeta. Jirrizulta, u mhux kontestat illi s-socjeta ntimata kienet harget riklam sabiex tattira investituri potenzjali u kienet qed taghtihom pariri rigward dan l-investiment, fosthom illi dan kien investiment ghaqli ghaliex il-kumpanija Bulgara kienet *limited* liability u ghalhekk ir-riskji kienu mnaqqsa, u illi l-investiment tar-rikorrenti kien ser jirdoppja fi zmien sentejn, biex b'hekk thajjar lir-rikorrenti sabiex jidhlu ghal dan l-investiment.

Ghalkemm l-intimati jipprovaw jargumentaw illi dan kien investiment fi proprjeta u huma kienu biss qishom kuntratturi, fir-realita ir-rikorrenti **ma investewx flushom f'proprjeta' b'mod dirett izda permezz ta' ishma gewwa kumpannija Bulgara**, u **ishma jissarfu fi strument ghal-finijiet tad-definizzjoni ta' strument misjuba fil-ligi fl-2006**. Filfatt ir-rikorrenti ma investewx bl-iskop illi jgawdu direttament mill-proprjeta, izda kif ben irrelata l-Perit Legali, ghamlu nvestiment b'riskju kummercjali biex forsi jaghmlu qliegh fil-mument li jirtiraw mill-investiment.

Barra minn hekk, huwa relevanti wkoll illi fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim in kwistjoni, ir-rikorrenti lanqas kienu jafu min kienu l-investituri l-ohra u/jew liema proprjeta kienet ser tinxtara u **strahu fuq il-pariri u d-direzzjoni tas-socjeta' ntimata**, u filfatt il-ftehim kien jikkoncedi

[2]"*means any representation of the rights and interests of participants in a collective investment scheme*" (Artikolu 1, Kap 370)

diskrezzjoni pjuttost wiesgha lis-socjeta ntimata fir-rigward ta' kif kienet ser tinvesti l-flus tar-rikorrenti.

Ghalhekk l-argument tal-intimati illi dan kien negozju semplici, fejn is-socjeta ntimata kellha posizzjoni u rwol simili ghal dak ta' kuntrattur, ma jregix. Il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali illi s-socjeta ntimata kienet **qed toffri "servizz ta' investiment" li jaqa' taht l-iSkeda I u l-iSkeda II tal-Kap 370**, u ghalhekk taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward.

Minn dan isegwi, illi **s-socjeta ntimata kellha bzonn licenzja sabiex topera u toffri tali servizzi ta' investiment skont il-ligi, licenzja illi *ex admissis* l-intimati jaqblu li s-socjeta ntimata ma kellhiex.**

Rigward il-konsegwenzi tan-nuqqas ta ottemperanza mal-Artikolu 3, l-Artikolu 20 jipprovdi illi:

> *An investment agreement which is entered into –*
>
> *(a) by a person in the course of providing an investment service in contravention of the provisions of article 3 of this Act; or*
>
> *(b) by the holder of an investment services licence or by an exempted person in consequence of anything said or done by a person in the course of providing an investment service in contravention of the provisions of article 3,*
>
> ***shall be unenforceable against the other party; and such other party shall be entitled to recover any money paid, or other property transferred by him under the agreement**, or where such property cannot be so recovered, such party shall be entitled to have it replaced by its value at the time of the agreement, **together with compensation for any loss sustained by him in consequence of such payment or transfer or***

***the non-recovery of the property transferred and any profits that may have accrued as a result of that money or other property having been transferred by him****: […]"*

L-istess Artikolu 20 pero jipprovdi eccezzjoni ghal dan u cioe:

> ***Provided that where on demand for a recovery under this article, the court is satisfied that* – (i) i*n a case falling under paragraph (a), the person therein mentioned* <u>*reasonably believed*</u> *he was not contravening the provisions of the said article 3****; or (ii) in a case falling under paragraph (b), the licence holder or exempted person neither knew nor ought to have known that the agreement was entered into as mentioned in that paragraph,* ***it may allow an investment agreement to which this article applies to be enforced and the money or property paid or transferred thereunder to be retained****".*

Sabiex ikun applikabbli dan il-proviso pero, kif sewwa jghid il-Perit Legali, **l-intimati kellhom iressqu prova, illi b'mod ragonevoli, hasbu illi ma kellhomx bzonn licenzja, u mhux semplici dikjarazzjoni li hasbu, jew ma kienux jafu, li kellhom bzonn licenzja**. Il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali illi l-intimati ma jistghux jinhbew wara injoranza tal-ligi sabiex jassolvu ruhhom mir-responsabbilita, ghaliex kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Soleil Bugeja Ltd v. Anthony u Sue konjugi Rosso,*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Mejju 2010):

> *"…****lanqas ma hi skuza l-allegazzjoni li hi ma tafx il-ligi. Jekk is-socjeta` attrici dahlet ghal din il-bicca xoghol, kellha tkun taf x'tesigi minnha l-ligi u s-sengha, u jekk ma tafx, allura m'ghandhiex taghmel dan it-tip ta' xoghol. Hadd ma ghandu jidhol ghal bicca xoghol fuq bazi kummercjali jekk ma jafx dak li hu rikjest minnu bil-ligi u s-sengha ghat-twettiq ta' dik il-bicca xoghol – jekk ma jafx u xorta jidhol ghal bicca xoghol, hu zgur responsabbli ghal konsegwenzi rizultat tal-injoranza tieghu; jew, kif jinghad bil-latin, imputet sibi.****"*

F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali meta jirrelata illi:

> "...***wiehed kien jistenna li qabel ma l-kumpannija bdiet toffri servizzi ta' din in-natura, d-diretturi taghha ikunu ikkunsidraw, raw jew ghalmenu hadu parir dwar x'inhuma l-kunduzzjonijiet biex joperaw u joffru s-servizz. Kien mistenni li jkun hemm imqar korrispondenza ma xi avukat, konsulent professjonali jew mal-awtoritajiet kompetenti jew minuti tal-Bord tal-Kumpannija li permezz taghhom wiehed jkun jista' jara li verament, b'mod konkret, il-kumpannija Invest BG Limited tramite d-dirtetturi taghha, tkun imxiet b'diligenza qabel mal-kumpannija offriet servizz ta' dik in-natura fejn hajjret lil numru ta persuni biex jinvestu l-eluf ta' Euro barra minn Malta***."

Il-Qorti ma tistax ukoll ma tirrimarkax illi galadarba r-rikorrenti huma *accountants* u allura jafu l-affarijiet taghhom kif jghidu l-intimati stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, meta r-rikorrenti staqsew jekk is-socjeta ntimata kienet munita bil-permessi necessarja sabiex toffri servizzi ta' investiment, minflok sempliciment gidbulhom u wiegbuhom fl-affermattiv, messhom marru jaraw jekk kellhomx bzonn xi licenzja biex joperaw. Minflok jidher li l-intimati ma kellhom ebda interess illi jersqu lejn l-offerta ta' servizz bhal dan b'mod diligenti u minn tal-inqas jaraw x'inhuma r-rekwiziti tal-ligi biex ikunu jistghu joffru tali servizz, u minflok ghazlu li joperaw u jahdmu b'mod amatorjali u dilettantesk, kif jirrizulta mill-assjem tal-provi, a skapitu ta' individwi li kienu qed jaffdawhom sabiex jinvestu b'mod ghaqli sommom kbar ta' flus.

Il-Qorti tqis pero, li imbaghad kien jinkombi fuq ir-rikorrenti illi jgibu prova tal-qliegh illi seta' lahaq akkumula mill-investiment. Filfatt il-Perit Legali stess fir-rapport tieghu irrelata illi hemm bzonn li jinhatar perit espert sabiex ikun jista' jikkonstata jekk kienx hemm qliegh u jekk kien hemm, jillikwida l-ammont dovut bhala qliegh lir-rikorrent. Pero r-rikorrenti naqsu milli jressqu talba appozita ghal hatra ta' perit espert, u naqsu ghal kollox milli jressqu prova f'dan ir-rigward. Ghalhekk, galadarba il-Qorti hija sprovvista minn provi rigward il-qliegh li seta' sar minn dan l-investiment, ma tistax tordna tali hlas, izda tista' tordna biss ir-rifuzjoni tas-somma originarjament trasferita mir-rikorrenti.

L-eccezzjoni tal-intimati fis-sens illi m'humiex obbligati jirrifondu sommom ghaliex l-intenzjoni wara l-ftehim ma kienx illi r-rikorrenti jaghmlu xi qliegh mill-ftehim li kellhom mas-socjeta ntimata, f'dawn ic-cirkostanzi hija nfondata, ghaliex l-obbligu tar-rifuzjoni johrog proprju mill-ligi, a kawza tal-fatt illi s-socjeta ntimata ma kienetx munita bil-permess necessarju biex toffri servizzi ta' investiment.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni ghal Artikolu 20 m'hijiex applikabbli f'dan il-kaz. Isegwi ghalhekk illi t-tieni talba tar-rikorrenti hija fondata, u t-tielet talba ghandha tigi milqugha, almenu zgur fil-konfront tas-socjeta ntimata, ghal dak li jirrigwarda s-somma zborsata minnhom.

**Ikkonsidrat;**

F'dan il-punt, il-Qorti trid tezamina l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati, u cioe illi l-intimati personalment m'humiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza, u illi m'hemm l-ebda ness guridiku bejn l-intimati personalment u r-rikorrenti peress illi ma sar l-ebda ftehim personalment maghhom.

Il-Perit Legali irrelata illi dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jintlaqaw ghaliex il-Kapitolu 370 jipprovdi ghal dritt ta' rifuzjoni fil-konfront tas-socjeta ntimata, u mhux ukoll fil-konfront tal-intimati personalment. Il-Qorti pero ma tistghax taqbel ma' din il-konkluzjoni, ghaliex ir-responsabbilitajiet tal-intimati, qua diretturi tas-socjeta ntimata, m'humiex regolati biss mill-Kapitolu 370, izda huma regolati wkoll mill-ligi tal-kumpaniji, ghal dak li ghandha x'taqsam ir-responsabbilita personali taghhom. Kien ikun mod iehor kieku l-Kapitolu 370 jeskludi espressament il-possibilita li diretturi jinstabu personalment responsabbli ghan-nuqqasijiet ta' kumpanija, ghaliex *lex specialis derogat lex generalis*. Galadarba l-legislatur ma eskludiex espressament il-possibilita li diretturi jirrispondu personalment ghan-nuqqasijiet ta' kumpanija li ma tkunx munita bil-permessi rikjesti, il-Qorti ghandha tezamina jekk, skont il-ligi tal-kumpaniji, tissussistix responsabbilita personali fir-rigward tad-diretturi tal-kumpanija.

Fir-rigward tal-principju ta' personalita legali distinta u separata ta' kumpanija, il-Qorti tal-Appell irriteniet fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Jose A. Herrera noe et vs Tancrd Tabone et noe et** illi dan "*...m'huwiex ta' bilfors principju ta' applikazzjoni universali.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Supermarkets (1960) Limited vs Le Cram Developments Co. Ltd** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru 2002 inghad illi:

> "*...**l-hekk imsejjah "corporate veil" huwa appuntu velu u mhux xi purtiera tal-hadid li warajh tista` tahbi u tnessi kwalunkwe operat, anke forsi dak li jirrazenta abbuz tal-process gudizzjarju***."

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Enriquez et v. Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 1995 intqal illi:

> "[i]*l-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. **L-ebda negozju giuridiku ma ghandu mmunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-'mala fides' huwa mehtieg li l-Qorti tipprexindi mill-personalita` separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass***".

F'sentenza ricentissima, u cioe fis-sentenza fl-ismijiet **Franstan Ltd vs Kasmiri Palace Limited et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Frar 2017 dan il-principju rega gie applikat mill-Qrati taghna, fejn wara li l-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza rigwardanti il-principju ta' *fraus omnia corrumpit* u kif dan jaffetwa il-principju ta' personalita separata ta' persuna morali, il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-intimata illi hija ma kellhiex tirrispondi personalment ghad-danni billi irriteniet illi:

> "*...**ladarba giet riskontrata nuqqas ta' imgieba korretta da parti tal-konvenuta Carmen Taliana u li ghalhekk m'ghandhiex tgawdi mill-***

***beneficcju ta' responsabbilità limitata moghtija lilha a tenur tal-artikolu 67 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Isegwi li l-konvenuta Carmen Taliana ghandha tirrispondi flimkien mas-socjetà konvenuta, ghad-danni kkagunati lis-socjetà attrici***."

Il-Qorti qed ticcita dan kollu ghaliex tqis illi anke f'dan il-kaz, kien hemm nuqqas serju ta' imgieba korretta da parti tad-diretturi tas-socjeta ntimata. Dan ghaliex ir-rikorrenti kienu staqsewhom *point blank* jekk is-socjeta ntimata kienetx koperta bil-permessi necessarji biex toffri servizzi ta' investiment, u minflok ma qalu l-verita, huma gidbu lir-rikorrenti u qalulhom li kollox kien skont il-ligi.[3] Il-Qorti tqis illi dan m'hu xejn aktar hlief agir skorett ezercitat mill-intimati sabiex jizguraw illi r-rikorrenti jidhlu fil-ftehim u jkollhom il-kapital li riedu biex jixtru l-proprjeta fil-Bulgarija.

Aghar minn hekk, l-intimati ma hallewx lis-socjeta ntimata f'posizjoni li thallas id-djun taghha, u dan kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet Dr. Roberta Bisazza vs Invest BG, li jfisser li mhux talli l-intimati qarrqu bir-rikorrenti sabiex dawn jidhlu fil-ftehim in kwistjoni maghhom, izda talli ma hallewx lis-socjeta ntimata fi stat finanzjarju san li tkun tista' tirrifondi lir-rikorrenti s-somma zborsata minnhom, biex b'hekk l-effett ta' din is-sentenza jigi kompletament newtralizzat ghaliex ma tistghax tigi esegwita kontra s-socjeta ntimata. Ghandu jinghad ukoll illi l-partijiet qieghdin f'din il-posizzjoni ghaliex l-intimati, la riedu joffru servizzi ta' investiment, minflok hadu l-pariri ncessarji sabiex ikun jistghu jaghmlu dan b'mod kompetenti, ressqu ghal din l-inizjattiva tista' tghid kapriccosament, minghajr lanqas biss ma raw x'hemm bzonn biex ikunu jistghu jibdew joperaw b'mod validu u legali, u kkonsiderat l-istat finananzjarju tas-socjeta ntimata ma hadu l-ebda passi sabiex jizguraw illi l-interessi tal-persuni li dahlu ghal ftehim mas-socjeta ntimata jkunu protetti.

Il-Qorti tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi ma tistghax thalli lill-intimati jevadu r-responsabbilita personali taghhom billi jinhbew wara s-socjeta ntimata b'applikazzjoni tal-principju *fraus omnia corrumpit*. Kif ghamlu il-Qrati Malta f'sitwazzjonjiet konsimili, il-Qorti hija tal-fehma illi

[3] Vide affidavit Maria Cauchi Delia a fol 55: "*Jiena staqsejta jekk Invest BG kienitx f'posizzjoni li tezegwixxi il-Management and Agency Contract skond il-Ligijiet ta' Malta u kellhiex il-permessi necessarji biex topera. Hija informatni li kollox kien in regola.*"; u affidavit Clifford Cauchi fol 64

ghandha thares lil'hinn mill-principju tal-personalita separata u distinta ta' entita morali, u ma thallix lill-intimati jibbenefikaw minn dan il-principju ikkonsidrat l-imgieba skoretta taghhom.

Ghalhekk f'dan ir-rigward qed twarrab il-konkluzjoni tal-Perit Legali, u tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sebgha eccezzjoni tal-intimati, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-rikorrenti u tar-raba' u s-sitt eccezzjoni tal-intimati, u

1. **tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-hidma tas-socjeta intimata li permezz taghha hija dahlet fil-Management and Agency Contract datat l-1 ta' Novembru 2006 u t-twettiq ta' l-istess ftehim jiksru id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu s-socjeta intimata ma ottjenitx licenzja ghas-servizzi ta' l-investiment u konsegwentement tiddikjara li l-ftehim imsemmi mhuwiex enforzabbli kontra r-rikorrenti a tenur ta' l-art. 20 tal-Kap. 370;**

2. **tilqa' in parte t-tielet talba u tordna lill-intimati solidalment bejniethom jirrifondu lir-rikorrenti s-somma mhallsa lis-socjeta intimata ta' erbgha u tletin elf, disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60) [gia hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000)], bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**